**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha, 2 t’April 2025**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs**

**Genesia Randich**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Genesia Randich ta’ 36 sena, bint Anthony Randich u Virginia Randich xebba Scicluna imwieda Zabbar fit-2 ta’ Jannar 1986, residenza 113, Triq tal-Borg Paola detentrici tal-karta tal-identita numru 38286M;

Akkuzata talli nhar l-14 ta’ Marzu 2022 ghall-habta tal-erbgha ta’ wara nofs in-nhar (16:00hrs), minn gewwa Triq il-Merhba Fgura:

1. Ikkommettiet serq ta’ wallet u/jew flus u/jew oggetti ohra, minn vettura tal-ghamla Dacia Logan ta’ kulur griz, b’numru ta’ registrazzjoni BLY183, liema serq huwa aggravat bil-

mezz u xorta tal-haga misruqa, u dan ghad-detriment ta’ Daniel Muscat u/jew persuni ohra.

Il-Qorti giet mitluba li titratta lill-imputata bhala recidiva ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta hija kienet giet misjuba hatja u kkundannata ghar-reati, b’sentenzi ta’ reati Maltin liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

4. Rat li fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2024 l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha.

5. Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni taghha u li l-piena massima ghall-imputazzjoni dedotta kontra taghha hija ta' erba’ (4) snin prigunerija u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputata tikkonsulta mal-avukat difensur taghha biex tara jekk tridx tirrevedi l-pozizzjoni taghha.

6. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputata jekk kellhiex hin bizzejjed sabiex tikkonsulta mal-avukat difensur taghha u hi wiegbet fl-affermattiv. Mistoqsija mill-Qorti jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha l-imputata ikkonfermat l-ammissjoni taghha.

7. Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

8. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-Probation Rona Agius Custo u rat ir-rapport minnha ezebit.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Fuq ammissjoni taghha stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha.

10. Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u kif ukoll irregistrat ammissjoni fl-ewwel seduta – l-iktar stadju bikri tal-proceduri - u ghalhekk ma hlitx il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

11. L-oggetti misruqa kienu jikkonsistu f'wallet, disghin Euro (€90.00) fi flus kontanti, zewg cards tal-Bank of Valletta, Revolut card u karta tal-identita. Daniel Muscat, id-derubat, xehed li l-imputata kienet hallsitu mitt Euro (€100) sabiex tirrifondieh il-flus misruqa, kif ukoll tikkumpensah ghall-oggetti l-ohra misruqa.

12. Mix-xhieda mismugha kif ukoll mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li fil-passat l-imputata kellha problema ta' abbuz mid-droga, pero irriformat ruhha minn jeddha. Kellha relapse zghir ghal habta tas-sena 2021, pero regghet qabdet it-triq it-tajba, bl-ghajnuna tal-professjonisti li jassistuha. Dan hu rifless fil-fedina penali taghha, minn fejn jirrizulta li xelfet difrejha diversi drabi mal-ligi, u ghandha diversi kundanni dwar serq u pussess ta' droga. Pero l-aktar reat ricenti imur lura ghal Ottubru 2016.

13. Fil-prezent qieghda tigi segwita mit-tabiba tad-Detox tal-Agenzija Sedqa, u minn psikologa, u issa ilha snin tghix hajja stabbli, ghalkemm ma tahdimx.

14. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-isforzi tal-imputata sabiex tirriforma ruhha, kif fil-fatt irnexxilielha taghmel, ghandhom jigu rikonoxxuti, u ghandha tigi mghejjuna biex terga' tirrintegra ruhha fis-socjeta. Certament ma jkunx idoneu li din il-Qorti tinfliggi fuq l-

imputata piena karcerarja, ghaliex inkella l-progress sinifikanti li l-imputata irregistrat f'hajjitha jitharbat.

15. Mill-provi prodotti, lanqas jirrizulta li hemm il-htiega li l-imputata tigi segwita fuq ordni ta' Probation, ghax ilha snin tiehu minn jeddha l-kura mehtiega u tmur ghand professjonisti b'mod regolari, apparti li tixtri l-medicina li ghandha bzonn minn butha.

16. Fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-iktar mizura idonea hija li l-imputata tinghata ordni ta' servizz fil-komunita minghajr hlas, halli mhux biss trodd xi haga lura lis-socjeta, imma wkoll jghinha sabiex tirrintegra ruhha b'mod shih fis-socjeta. Mir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation jirrizulta li l-imputata hija idonea li tinghata tali mizura.

**Konkluzjoni**

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) Wara li rat l-Artikoli 261(b) u (g), 263(a), 271(g), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha.

(2) Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, il-Qorti qieghda, ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lil hatja taht ordni ta' servizz fil-komunita billi taghmel xoghol bla hlas ghal mitt (100) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet l-ohra indikati fl-istess Ordni hawn annessa, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

18. Din l-Ordni qed issir wara li l-Qorti spjegat lill-hatja bi kliem car u semplici l-effett ta' l-ordni u li jekk hija tonqos li tikkonforma ruhha maghha, jew taghmel xi reat iehor, hija tista' tinghata sentenza ghar-reat originali.

19. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, inkluz l-ordni ta' servizz fil-komunita annessa maghha, tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**